**PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAT-18 TA' MEJJU, 2023**

**Fl-atti tal-kawża Rikors nru. 602/2022 RGM**

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**Vs**

**Duncan Bonnici u Marica Bonnici**

**deciża fil-15 ta' Novembru, 2022**

## Il-Qorti:

1. Dan huwa digriet finali dwar rikors imressaq fis-16 ta' Novembru, 2022 minn HSBC Bank Malta plc fl-atti ta' din il-kawża li giet deciza b'sentenza finali fil-15 ta' Novembru, 2022.

2. Permezz ta' din il-kawza il-bank kien talab li l-Qorti tiddikjara:

> Illi r-rikorrenti ghandu titlu ezekuttiv naxxenti minn kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu tal-4 ta' Marzu 2010 fl-atti tan-Nutar Nicholas Briffa u li permezz tieghu l-intimati Bonnici ikkostitwew ruhhom debituti likwidi,

certi u dovuti favur il-Bank  hemm indikati (kopja hawn annessa u mmarkata Dok A);

Illi ghal kull buon fini jinghad illi l-Bank renda ezegwibbli dan it-titlu ezekuttiv permezz ta' ittra ufficjali numru 264/11 (kopja hawn annessa u mmarkata Dok B) izda galadarba ghaddew aktar mill-hames snin mill-kuntratt imsemmi u galadarba wkoll l-intimati ghadhom debituri tal-Bank rikorrenti, kif jixhed il-prospett hawn anness u mmarkat Dok C, is-socjeta' rikorrenti qeghda permezz tal-prezenti titlob l-awtorizzazzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti ai termini ta' l-artikolu 258(c) tal-Kap 12 tal-Ligijet ta' Malta sabiex tesegwixxi dan l-istess titolu fil-konfront tal-intimati ghall-bilanc li ghad hemm dovut;

Ghaldaqstant, is-socjeta' rikorrenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti tawtorizza lis-socjeta' rikorrenti tghaddi ghall-esekuzzjoni tal-istess titolu esekuttiv fuq imsemmi stante li ghaddew izjed minn hames snin mid-data tal-kuntratt u li d-dejn ghadu m'huwiex saldat kollu u dan ai termini tal-Artikolu 258(c) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi b'sentenza tal-15 ta' Novembru, 2022 il-Qorti laqgħet it-talba tal-bank attur u ai termini tal-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, awtorizzat lill-bank attur jeżegwixxi l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu ppubblikat min-Nutar Dott. Nicholas Briffa fl-4 ta' Marzu 2010 sabiex il-bank attur jitħallas il-bilanċ lilu dovut mill-konvenuti Bonnici.

4. Permezz tar-rikors tas-16 ta' Novembru 2022 il-bank irrileva illi fis-sentenza tal-15 ta' Novembru, 2022 f'paragrafu numru 9 u f'paragrafu numru 20 jinghad illi l-ammont dovut kien ta' Euro 24,004.85 kapital u Euro10,813.50 imghax liema ammonti ghandhom jinqraw skond il-bank Euro 55,916.25 u Euro 25,188.68 rispettiament.

5. Marica Bonnici giet notifikata pero' ma pprezentatx risposta.

6. Duncan Bonnici ipprezenta risposta fil-21 ta' April ,2023 li permezz taghha qed jopponi ghar-rikors tal-bank peress li jsostni illi artikolu 825 tal-Kap 12 huwa intiz ghal zball ta' kalkolu jew zbajli fil-kliem. Jghid li l-ammont indikat fis-sentenza jirrizulta minn prospett ipprezentat mill-bank stess.

7. Rat id-digriet taghha li permezz tieghu appuntat ir-rikors ghas-smigh ghallum.

8. Rat illi meta ssejjah ir-rikors deher biss l-avukat tal-bank rikorrent.

9. Rat li r-rikors gie pospost ghal digriet finali.

Ikkunsidrat;

10. Jirrizulta mill-prospett ezebit a fol. 10 tal-process illi l-ammonti li jissemmew fis-sentenza kienu l-ammonti f'munita Maltija u ghalhekk huwa evidenti illi meta fis-sentenza intqal li dawk l-ammonti kienu euro u mhux liri Maltin dan kien bi zvista ammontanti ghal zball kontemplat fl-artikolu 248 tal-Kap. 12.

11. Ghaldaqstant tilqa’ r-rikors tal-bank tal-11 ta’ Lulju, 2022 u tordna korrezzjoni fis-sentenza fis-sens illi,

(i) f’paragrafu 9 tas-sentenza l-ammont ta’ Euro 34,000 ghandu jithassar u sostitwit bl-ammont ta’ Euro 81,104.93; l-ammont ta’ Euro 24,004.85 ghandu jigi kancellat u sostitwit bl-ammont ta’ Euro 55,916.25 filwaqt li l-figura ta’ Euro 10,813.50 ghandha tigi kancellata u sostitwita bil-figura ta’ Euro 25,188.68.

(ii) f’paragrafu 20 tas-sentenza l-ammont ta’ Euro 34,818.35 jigi kancellata u sostitwit bl-ammont ta’ Euro 81,104.93

Bl-ispejjez ta’ dan id-digriet jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet

Moqri

Robert G Mangion
Imhallef

Lydia Ellul
Deputat Registratur